**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kaz numru: 185/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Kurt Zahra)**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs**
**Jacob Rakban**

**Illum 26 t'Ottubru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Jacob Rakban, 23 sena, iben Hussam u Maris (Stella Maris) nee' Bartolo, imwieled Pieta' nhar il-5 ta' Jannar, 1994, u li joqghod Binja Qlejgha, Block C, no 38, Triq ir-Regimenti Maltin, Mtarfa, detentur ta' karta tal-identita' nru. 50794M

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar it-13 ta' Gunju, 2016 ghall-habta tal-11 a.m. fi Triq l-Gharusa tal-Mosta, Mosta kkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Aquilina, ta' 66 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, ghad-dannu ta' l-istess persuna;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna t'a l-istess Maria Aquilina, skond ma ccertifikat Dr. Sarah Vella M.D. (Med. Reg. No 2503);

3. Nhar il-11 ta' Gunju, 2016, ghall-habta tas-7.30 p.m. fi Triq il-Katakombi, Rabat, ikkommetta serq semplici ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Antonia Bonello, ta' 83 sena, ghad-dannu ta' l-istess persuna;

4. Nhar is-6 ta' Gunju, 2016, ghall-habta ta' l-10:45 a.m. fi Triq San Bastjan, Rabat ikkommetta serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Lorenza Wingfiled, ta' 66 sena, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' l-istess persuna;

5. Nhar it-3 ta' Gunju, 2016 ghall-habta tal-10.15 a.m. fi Triq Gorg Borg Olivier, Rabat ikkommetta serq semplici ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Formosa, ta' 62 sena, liema serq sar ghad-dannu ta' l-istess persuna.

6. Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata tat-28 ta' Settembru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid, fedina penali.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fit-tieni seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt li l-imputat iddikjara fis-seduta tat-12 t'Ottubru, 2017 li fi zmien sena minn dak inhar, kien se jhallas l-ammont ta' elf mitejn u tletin ewro (€1,230) lill-Ispettur Joseph Mercieca sabiex l-istess Spettur jghaddihom lill-vittmi tal-istess kaz.

Rat li l-Probation Officer Svetlana Bezzina kkonfermat li hi ssegwi lill-imputat u qalet li sakemm l-imputat ikun f'programm, huwa jghamel hafna progress, izda kif jerga' jirrintegra fis-socjeta', jerga' jsib ruhu f'diffikulta u jerga' jaqbad il-vizzju tad-droga. Hija tennet li peress li f'Mejju 2017 inghata sentenza ta' Probation ghal tliet snin, il-progress sa issa ghadu minimu.

Il-Qorti wara li semghet lill-Probation Officer Svetlana Bezzina tikkonferma li l-imputat miexi fit-tritq it-tajba u li ghaddej hajja kalma u jinsab impjegat *full-time* allura b'tali mod li issa jista' jsostni lilu nnifsu ma thossx li ghandha timponi sentenza ta' habs effettiv. Il-Qorti thoss li f'dan l-istadju jkun iktar ghaqli li kieku l-istess imputat jibqa' taht il-kontroll u s-supervizjoni ta' l-istess Probation Officer biex jibqa' ghaddej f'din it-triq u eventwalment jirriforma ruhhu.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-Artikoli 49, 50, 214, 215, 22(1), 222A, 261, 262(1)(a), 267, 274(c), 276A, 279(a), 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet fuq l-ammissjoni cara u inekwivoka tieghu, izda ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, l-Qorti qeghda permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta,**

**tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perjodu ta' probation jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni ta' Probation u l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**